# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Aaron Gatt Floridia KI 0349468(M)**

**vs**

**Il-Kummissjoni Elettorali**

**Numru fuq il-Lista: 5**
**Rikors Elettorali Numru 180/24 NB**

**L-Ufficjal Reviżur,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-Rikors ta' Aaron Gatt Floridia KI 0349468(M) ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2024** permezz ta' liema talab lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tirreġistra isem ir-rikorrenti fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 stante li huwa għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex jiġi reġistrat bħala votant skond il-Liġi;

**Ra li l-Kummissjoni Elettorali u r-rikorrent ġew debitament notifikati u deheru quddiem l-Uffiċjal Reviżur fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024.**

**Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 fejn wara li xehed ir-rikorrent Aaron Gatt Floridia KI 0349468(M)** waqt l-imsemmija seduta, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali Savio Borg iddikjara li l-imsemmija Kummissjoni m'għandhiex oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti.

**Sema' x-xhieda tar-rikorrent Aaron Gatt Floridia KI 0349468(M)** mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2024;

**Ra l-atti kollha tal-każ;**

**Ra li r-rikors tħalla għallum għad-deċiżjoni;**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-Rikorrenti qed jitlob lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tirreġistra isem l-istess rikorrenti fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 stante li huwa għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex jiġi reġistrat bħala votant skond il-Liġi.

***Ikkunsidra***

Għalkemm fir-rikors tiegħu, r-rikorrent jgħid li l-azzjoni tiegħuqeda ssir abbażi tal-Artikolu 30 *et seq* tal-Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta jidher ċar mill-premessi u t-talbiet li l-azzjoni tiegħu hija waħda msejsa sewwasew fuq **l-Artikolu 39 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**, li jaqra hekk:

> *"39.(1) Kull min ismu ma jkunx iddaħħal fir-Reġistru Elettorali u li jgħid li jkollu l-kwalifiki meħtieġa sabiex jivvota, u, kull elettur li jgħid li ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu ma jkunux intwerew b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali, jista' jappella lill-Uffiċjal Reviżur sabiex ismu jiddaħħal fir-Reġistru Elettorali jew sabiex ikollu ismu, indirizz jew partikolaritajiet oħra korretti skont il-każ, mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali.*
>
> *(2) Uffiċjal Reviżur jista' jordna d-dħul ta' isem persuna fir-Reġistru Elettorali jew il-korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skont is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan".*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha **tal-15 ta' Mejju 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet Michael Piccinino *pro et noe* vs Elizabeth Ann Abela *et* Rikors numru 16/2024/1 GV:**

> *15. Tajjeb li jingħad ukoll, li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali dwar it-tiswija tar-reġistru elettorali jgħoddu bl-istess mod għall-korrezzjoni tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea (ara Artikolu 13(2) tal-Att dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew). Daqstant ieħor huwa siewi li jiġi osservat li skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati bħala votanti f'dik it-taqsima tar-reġistru elettorali jew tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea.*

Kif ingħad fil-każ in diżamina r-Rikorrenti qed jitlob lill-Uffiċjal Reviżur jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tirreġistrah fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-

Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 stante li huwa għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex jiġi reġistrat bħala votant skond il-Liġi.

**L-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi hekk:

> *"57. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 58 ta' din il-Kostituzzjoni, persuna tkun kwalifikata biex tkun reġistrata bħala elettur għall-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jekk tkun, u ma tkunx kwalifikata biex tkun hekk reġistrata jekk ma tkunx –*
>
> *(a) ċittadin ta' Malta;*
>
> *(b) għalqet l-età ta' sittax-il sena; u*
>
> *(ċ) residenti f'Malta u matul it-tmintax-il xahar minnufih qabel ir-reġistrazzjoni tagħha hekk residenti għal perijodu kontinwu ta' sitt xhur jew għal perijodi li jammontaw fit-total globali għal sitt xhur:*
>
> *Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal persuna li tkun ordinarjament tirrisjedi f'Malta iżda ma tkunx tirrisjedi f'Malta kif meħtieġ b'dan il-paragrafu minħabba servizz barra minn Malta fis-servizz pubbliku, magħdud servizz fil-karigi msemmija fis-subartikolu (3) tal-artikolu 124 ta' din il-Kostituzzjoni, jew minħabba servizz barra minn Malta f'korp, jew bħala membru ta' korp, dixxiplinat kifimfisser fl-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni".*

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 xehed ir-rikorrent **Aaron Gatt Floridia KI 0349468(M)** illi huwa ilu jgħix kontinwament ġewwa Malta minn Mejju 2021 u jħallas it-taxxa u għandu karta tal-identita maltija u r-residenza tiegħu hija Villa 4, Madliena Ridge, Triq il-Madliena, Madliena. **<u>In kontro-eżami</u>** huwa kkonferma li f'dawn l-aħħar sena u nofs huwa għex f'Malta l-perijodu sħiħ ħlief għal perijodu ta' circa tlett (3) gimgħat *holidays.*

Mill-provi għalhekk ħareġ illi in risposta għall-kweżit jekk fit-tmintax-il xahar qabel l-20 ta' April 2024 għamilx sitt xhur residenti hawn Malta, ir-Rikorrenti rrisponda fl-affermattiv u kif ukoll ikkonferma li huwa residenti gewwa Malta u kkonferma wkoll li huwa detentur ta' Karta ta' l-Identità Maltija.

Fil-verbal tas-16 ta' Mejju 2024 Savio Borg għall-Kummissjoni Elettorali ddikjara li in vista tax-xhieda tar-rikorrenti l-Kummissjoni Elettorali ma kelliex oġġezzjoni għat-talba ta' l-istess Rikorrenti biex ismu l-partikolaritajiet tiegħu jiġu inklużi fir-Reġistru Elettorali pubblikat fl-20 ta' April 2024.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u peress illi f'dan il-każ jissussistu l-elementi kollha previsti fl-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna li l-Kummissjoni Elettorali tinkludi isem ir-Rikorrenti **Aaron Gatt**

**Floridia** detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru **0349468(M)** residenti **Villa 4, Madliena Ridge, Triq il-Madliena, Madliena** fir-Reġistru Elettorali għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 stante li huwa għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa sabiex jiġi reġistrat bħala votant skond il-Liġi.

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**Ufficjal Reviżur**